

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

PROVIŻORJU
2004/0151(COD)

18.9.2006

*****II**

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI GĦAT- TIENI QARI

dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twertiq ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew
(MEDIA 2007)

(6233/2/2006 – C6-0271/2006 – 2004/0151(COD))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Ruth Hieronymi

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA.....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tweġġ ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007)
(6233/2/2006 – C6-0271/2006 – 2004/0151(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (6233/2/2006 – C6-0271/2006),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari¹ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2004)0470)²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0000/2006),
1. Japprova l-pożizzjoni komuni;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni komuni;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skond l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni ta' l-att fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Testi adottati tal-25.10.2005, P6_TA(2005)0398.

² Għadha mhux ippublikata fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Parlament Ewropew diġà kkomunika l-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta magħmula mill-Kummissjoni Ewropea għall-programm MEDIA 2007 fil-25 ta' Ottubru 2005. In-nuqqas ta' qbil u n-negozjati fit-tul li saru mill-gvernijiet nazzjonali dwar il-Qafas Finanzjarju għall-perjodu 2007-2013 wasslu biex il-pubblikazzjoni tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill ittardjat sas-7 ta' Settembru 2006. Issa, u għal darba oħra, il-Parlament Ewropew qed jirreaġixxi b'ħeffa konsiderevoli. Bil-proċedura tiegħu tat-tieni qari, il-Parlament Ewropew se jaqbel dwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-programm MEDIA għas-seba' snin li ġejjin. L-aktar importanti huwa li din id-deċiżjoni għandha tassigura bidu f'waqtu tas-sejħa għall-offerti u tagħti l-opportunità lil benefiċjarji potenzjali tal-programm li jipparteċipaw fil-programm il-ġdid.

Il-Parlament Ewropew iqis il-pożizzjoni komuni bħala test bilanċjat, għalkemm l-ammont finanzjarju totali allokati għall-programm MEDIA għall-perjodu 2007-2013 fid-dawl tal-Ftehma Interistituzzjonali dwar il-Qafas Finanzjarju ma jirriflettix l-għanijiet u l-ambizzjonijiet stabbiliti fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea. Dawn l-għanijiet kienu ġew appoġġjati bis-sħiħ mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari.

Bejn l-adozzjoni tar-rapport dwar l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew u tal-pożizzjoni komuni fil-Kunsill, saru diversi kuntatti bejn ir-rapporteur, il-gruppi politiċi u l-Presidenza Awstrijaka u dik Finlandiża, bil-għan li jinstabu kompromessi bejn il-Parlament u l-Kunsill fuq emendi differenti.

Wieħed irid jiftakar ukoll li permezz ta' l-emendi tal-Parlament Ewropew, il-programm MEDIA issa għandu referenzi aktar ċari dwar l-importanza taċ-ċinema Ewropea għad-djalogu interkulturali, id-diversità lingwistika u kulturali, il-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u t-tneħħija tad-diskriminazzjoni. MEDIA se jgħin biex jiġu promossi dawn il-prinċipji.

L-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni sar element ċentrali tal-programm bil-għan li tingħeleb il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew u li jkun hemm appoġġ għall-kapaċità ta' innovazzjoni tal-qasam awdjoviżiv Ewropew. Il-katalgi diġitali, pereżempju, għandhom jgħinu biex jittejjeb l-aċċess għall-wirt ċinematografiku Ewropew għaċ-ċittadini.

Issa qed tingħata attenzjoni aktar speċifika minn kif kien maħsub fil-proposta oriġinali mill-Kummissjoni Ewropea lil kumpaniji li jispeċjalizzaw fl-iffinanzjar ta' self fil-qasam awdjoviżiv u fil-kwistjoni ferm importanti ta' l-aċċess għall-kreditu.

Ġiet imsaħħa l-koperazzjoni bejn il-programm MEDIA u programmi oħra ta' l-UE fil-qasam ta' l-edukazzjoni, tat-taħriġ u tar-riċerka kif ukoll mal-Euroimage, il-programm ta' għajnuna għall-produzzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Il-programm MEDIA ġie mtejjeb u mfassal b'mod li jkun aktar aċċessibbli għal benefiċjarji potenzjali. L-implimentazzjoni tiegħu għandha ssir b'mod aktar trasparenti u li jkun aktar faċli għall-utent.

Fl-aħħarnett, il-Parlament Ewropew irnexxielu jinkludi fil-programm l-organizzazzjoni ta' jiem iddedikati għaċ-ċinema Ewropea u l-Premju għat-Talenti Ġodda. Dawn l-avvenimenti jistgħu jgħinu biex ikomplu jżidu l-għarfien dwar dan il-programm ta' l-UE, li bla dubju diġà kien suċċess.